FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Jannar, 2001

**Numru 14**

**Avviz. numru 1209/00JR**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Emmanuel Calleja**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Awissu, 2000, fejn intalab il-hlas ta' hamsa u sittin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm65.84) rapprezentanti access ghall-uzu ta' "mobile telephone" u "airtime" ghall-istess uzu ghall-perijodu mit-12 ta' Dicembru, 1998, sat-23 ta' Ottubru, 1999;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Anthony Vella ghas-socjeta attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut.  Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilaq' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u sittin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm65.84), bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Awissu, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanaz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvneut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**

**GUDIKATUR**